MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 975/1995/1

**Saviour Scerri u Joseph Scerri**

**v**

**Salvu u Emmanuele Farrugia u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2005 stante l-mewt ta' Emmanuele Farrugia fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmelo Farrugia, Patrick Farrugia, Anthony Farrugia, Maria mart Mario Azzopardi, Frans Farrugia, Joseph Farrugia, Natalina mart Charlie Galea, Filomena mart Joseph Sammut, u Carmena mart il-mejjet konvenut Emmanuele Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi sija huma kemm il-konvenuti huma bdiewa u jahdmu r-raba’ fl-inhawi tal-Wata u ta’ Xtghabi, fil-limiti ta’ Had-Dingli, maghrufa bhala San Pawl tal-Pitkali jew tal-Mnasab; illi l-konvenuti qeghdin jtellghu l-ilma ghar-raba’ taghhom bil-pompa u mhux bil-mithna tar-rih u b’dan il-mod ma hu qieghad jibqa’ l-ebda ilma ghall-uzu tar-raba’ tal-atturi; illi l-konvenuti qeghdin jaghmlu dan bi ksur tal-permess lilhom moghti mill-awtoritajiet kompetenti, kopja ta’ liema hija esebita u mmarkata Dokument A, li jikkontempla t-tlugh tal-ilma bil-mithna tar-rih biss, kif ukoll bi ksur tal-ftehim li kien hemm bejn l-antenati tal-partijiet, liema ftehim gie kostantement u rigorosament rispettat mill-bdiewa ta’ dawk l-inhawi, hlief mill-konvenuti dan l-ahhar; illi b’dan il-mod l-atturi qeghdin ssofru (*sic*) danni konsistenti fit-telf ta’ ucuh tar-raba’ minhabba n-nuqqas ta’ ilma billi ma hux jibqa’ ilma ghar-raba’ taghhom u ghalhekk ma hux qieghed ikun possibili li tahdem ir-raba’; talbu ghaliex il-konvenuti ma ghandhomx jigu minn dik il-Qorti: 1. kundannati jiddezistu milli jippumpjaw ilma hlief bil-mithna tar-rih u dan ad eccezzjoni tal-perijodu bejn il-15 ta’ Jannar u l-15 ta’ Marzu; 2. dikjarati responsabbili ghad-danni kawzati lill-atturi bit-tlugh abbusiv tal-ilma minnhom maghmul kif fuq inghad; salv il-likwidazzjoni tal-istess danni b’gudizzju separat; bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Illi prelimarjament il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-atturi m’ghandhomx interess guridiku;

2. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost jigi rilevat li f'kwalunkwe kaz huma l-*Water Services Corporation* li jistghu jmexxu l-azzjoni jekk jirrisulta ksur ta' permess;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, jigi eccepit fil-meritu li l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhuwiex minnu li kien hemm xi ftehim bejn l-antenati tal-partijiet li l-ilma ghandu jittella' bil-mithna tar-rih biss;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit ulterjorment li kulhadd ghandu pompa u kulhadd juzaha;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit ulterjorment li l-ko(n)venuti jahdmu r-raba' in kwistjoni *full-time* mentri l-atturi jahdmu r-raba' *part-time* biss;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi rilevat ghal kull buon fini li dak li qed ighidu l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhuwiex minnu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Saviour Farrugia, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ewwel (1) ta' Ottubru, 2002 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti biex jiddezistu milli jippumpjaw ilma hlief bil-mithna tar-rih u dan *ad eccezzjoni* tal-perjodu bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu.

(2) Tiddjara lill-konvenuti responsabbi *verso* l-atturi tad-danni kawzati lill-istess atturi bit-tlugh abbuziv tal-ilma minnhom maghmul bil-pompa *oltre* dak indikat fl-ewwel talba ta' bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"(A) L-AZZJONI ODJERNA

"Illi l-partijiet fil-kawza odjerna huma bdiewa. L-atturi qed isostnu li l-konvenuti qeghdin itellghu l-ilma ghar-raba' taghhom bil-pompa u mhux bil-mithna tar-rih u b'dan il-mod mhux qed jibqa' l-ebda ilma ghall-uzu tar-raba' tal-atturi. Huma qed isostnu wkoll li dan kollu qed isir bi ksur tal-permess lilhom moghti mill-awtoritajiet kompetenti li jikkontempla t-tlugh ta' ilma bil-mithna tar-rih biss; qed isostnu wkoll li dan qed isir bi ksur tal-ftehim li kien hemm bejn l-antenati tal-partijiet, liema ftehim gie kostantement u rigorosament rispettat mill-bdiewa ta' dawk l-inhawi, hlief kif inghad mill-konvenuti.

"Illi ghalhekk l-atturi pprocedew bl-azzjoni odjerna peress illi allegatament qed isofru danni konsistenti fit-telf ta' ucuh tar-raba' minhabba n-nuqqas ta' l-ilma billi mhux qed jibqa' ilma ghar-raba' taghhom u b'hekk mhux qed ikun possibbli li jahdmu r-raba' u konsegwentement qed jitolbu lil din il-Qorti twaqqaf lill-konvenuti minn dan l-agir u ssibhom responsabbli ghad-danni kawzati lilhom.

"Illi l-konvenuti min-naha taghhom eccepew li preliminarjament l-atturi m'ghandhomx interess guridiku fil-kawza; li fi kwalunkwe kaz huwa l-*Water Services Corporation* li setghu imexxu l-azzjoni jekk jirrizulta ksur ta' permess. Apparti dan fil-mertu huma eccepew li mhux minnu li kien hemm xi ftehim bejn l-antenati tal-partijiet li l-ilma ghandu jittella' bil-mithna tar-rih biss. Sostnew ukoll, li minghajr pregudizzju ghal dak minnhom eccepit, li kulhadd ghandu pompa u kulhadd juzaha. *Inoltre* allegaw li huma jahdmu r-raba' in kwistjoni *full-time* mentri l-atturi jahdmuha biss *part-time*. Fl-ahharnett qal[u] li dak li jghidu l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhux minnu."

Imbaghad l-ewwel Qorti, wara illi ghamlet riassunt tal-provi prodotti, kompliet tikkonsidra hekk:
"(C) L-EWWEL ECCEZZJONI

"Illi l-konvenuti eccepew preliminarjament in-nuqqas ta' nteress guridiku da parti ta' l-atturi u bhala konsegwenza ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"Illi fis-sentenza *Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et* (A.C. (JSP) - 6 ta' Ottubru 1999 - Vol. LXXXIII.ii.331) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet:-

'*Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilità finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorità gudizzjarja*'.

"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-15 ta' Lulju 1952 (Vol. 34.ii.493), fl-ismijiet *Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et* li:-

'*Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna … biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt - 'l'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione è infondata e inammissibile'*.

"Ill hekk ukoll fis-sentenza *Alexander Eminyan vs John Mousù pro et noe et* (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXXI.ii.429) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

"Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li qed jagixxu (i) kemm abbazi tal-ftehim li kien hemm bejn

il-bdiewa ta' dawk l-inhawi kif ukoll inforza tal- *permess* jew *arrangament* milhuq bl-intervent tal-*Water Services Corporation*;  kif ukoll (ii) fuq in-necessità li ghandhom tal-ilma ghall-eghlieqi taghhom.

"Illi rigward il-ftehim li allegatament kien jezisti bejn il-partijiet u l-awturi taghhom inghatat verzjoni kompletament kontradittorja mill-partijiet.  Filwaqt li l-atturi jsostnu li kien hemm ftehim bejn missirijiethom li l-konvenuti jtellghu l-ilma bil-mithna biss filwaqt li l-konvenuti jichdu dan totalment.  L-attur Saviour Scerri xehed li huma minn dejjem kellhom il-permess biex ikunu jistghu itellghu l-ilma bil-mutur.  Irrizulta li z-zewg partijiet kienu jtellghu l-ilma bil-mithna tar-rih.  Sussegwentement bdew jaghmlu uzu mill-pompa.  L-atturi jsostnu li minhabba li l-ghelieqi tal-konvenuti huma aktar fl-gholi minn taghhom meta jtellghu l-ilma bil-pompa ftit jifdal ghalihom.  B'hekk qed jippretendu li l-konvenuti ghandhom jimxu skond il-ftehim kif imbaghad emendat jew irrangat skond il-permess moghti mill-*Water Board*.

"Illi ghalkemm il-versjonijiet moghtija mill-partijiet huma ferm opposti u m'hemm xejn bil-miktub, din il-Qorti xorta wahda waslet ghall-konkluzjoni li tara li l-verzjoni tal-atturi hija aktar kredibbli minn dik tal-konvenuti w fil-fatt hija aktar verosimili.  Infatti prova ta' dan huwa d-dokument esebit minnhom stess (a fol. 6 tal-process) li hija l-ittra mibghuta lil Pawlu Xerri mis-segretarju tal-*Water Board* fl-1989.  F'din l-ittra giet komunikata d-decizjoni li ha l-istess Bord li s-Sur S. Farrugia jista' juza l-mithna f'Tal-Wata, Dingli s-sena kollha filwaqt li l-pompa tista' tintuza biss bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu.  '*Dan l-arrangament ihassar kull iehor li sar qabel*'.  Illi dan jindika b'mod mill-aktar car li bla dubju, ftehim kien jezisti qabel din l-ittra tant li mbaghad il-bord spicca biex emenda dan l-istess ftehim.

"Illi din il-motivazzjoni twassal ghal zewg konkluzjonijiet u cjoè li fl-ewwel lok kien jezisti ftehim bejn l-antenati tal-partijiet, li wasal ukoll ghand il-partijiet fil-kawza odjerna, dwar l-uzu tal-istess ilma u dan fis-sens kif allegat u fl-ahharnett ppruvat mill-atturi, kif ukoll li dan il-ftehim,

minhabba l-uzu tal-pompa *da parte* tal-istess konvenuti, gie emendat fis-sens kif indikat fl-ittra tal-*Water Board* datata 29 ta' Novembru 1989 a fol. 24 tal-process, li giet accettata anke mill-atturi, li min naha taghhom qaghdu ghal tali decizjoni tant li fl-istess premessi u talbiet tac-citazzjoni attrici qed jikkoncedu li l-pompa tintuza mill-atturi [*recte*: konvenuti] bejn il-15 ta' Jannar u 15 ta' Marzu ta' kull sena, però ovvjament mhux izjed minn hekk. Dan apparti li gie sostanzjalment ppruvat li l-atturi wkoll qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq id-dritt li jikkoltivaw l-art taghhom billi wkoll ikollhom ilma sufficjenti biex jaghmlu dan.

"Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda *stante* li rrizulta li l-atturi ghandhom interess guridiku biex jipproponu l-kawza odjerna *stante* li taffettwa direttament id-drittijiet taghhom ghall-uzu tal-istess art u l-koltivazzjoni taghhom li ilhom jaghmlu ghal diversi snin, anke *tramite* l-awturi taghhom.

"<u>(D) IT-TIENI ECCEZZJONI</u>

"Illi l-konvenuti eccepew ukoll illi fi kwalunkwe kaz huma l-*Water Services Corporation* li jistghu jmexxu l-azzjoni jekk jirrizulta ksur ta' permess. Illi bla ebda dubju il-*Water Services Corporation* ghandhom kull dritt li jmexxu azzjoni kontra l-konvenuti jekk jirrizulta ksur ta' permess. Illi madankollu dan ma jeskludix id-dritt ta' l-istess atturi li jipprocedu kontra l-istess konvenuti ladarba qed isostnu li bl-agir taghhom qed jikkagunawlhom danni. L-azzjoni odjerna mhix ibbazata biss fuq ksur ta' permess - ghalkemm dan jilghab ukoll parti fl-istorja - imma hija bbazata fuq ksur ta' ftehim li sussegwentement gie emendat b'kundizzjoni mposta mill-*Water Board* u li tali ksur ta' ftehim qed allegatament jirreka danni lill-atturi *stante* li mhux qed jaslilhom ilma sufficjenti ghall-eghlieqi taghhom.

"<u>(E) IT-TIELET, IR-RABA', IL-HAMES U S-SITT ECCEZZJONIJIET</u>

"Illi l-konvenuti eccepew fil-mertu illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li mhux minnu li kien hemm xi ftehim bejn l-antenati tal-partijiet li l-ilma ghandu jittella' bil-mithna tar-rih biss.

"Illi din il-Qorti digà kellha l-opportunità tikkumenta fuq dan u fil-fatt ikkonkludiet li originarjament kien hemm ftehim izda mbaghad wara li l-konvenuti bdew juzaw il-pompi b'dannu ghall-atturi, liema uzu ma kienx kkontemplat fil-ftehim originali, tali dritt tal-konvenuti sabiex itellghu l-ilma gie estiz ukoll *tramite* l-utilizzazzjoni tal-imsemmija pompi b'decizjoni tal-*Water Board* b'dan però li l-konvenuti setghu juzaw il-mithna tar-rih dejjem, izda setghu juzaw il-pompa biss bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu ta' kull sena u hawn issir riferenza ghall-istess decizjoni tad-29 ta' Frar 1989. Ma jidhirx li l-konvenuti b'xi mod ikkontestaw din id-decizjoni, li fuq kollox estendiet id-dritt tal-konvenuti li jiehdu l-ilma mhux biss bil-mithna izda wkoll bil-pompa però biss u limitatament ghall-perjodu hemm imsemmi. Illi fuq dan il-konvenuti ma qalu xejn, però certament li dan ma jfissirx li tali decizjoni ghandha tigi njorata, anzi l-fatt tal-ezistenza taghha tikkonferma t-tezi attrici u ma taghtix kredibilità l-verzjoni tal-konvenuti, ghaliex dawn illimitaw ruhhom sabiex jinnegaw l-ezistenza tal-istess jew ghax agixxew qiesu din id-decizjoni ma kienitx torbot lilhom; dan huwa fatali ghall-verzjoni tal-konvenuti anke peress li l-permess mill-awtoritajiet sabiex itellghu l-istess ilma huwa certament regolat ukoll bl-istess decizjoni.

"Illi *inoltre* l-konvenuti eccepew illi kulhadd ghandu pompa u kulhadd juzaha, izda tali sottomissjoni ma hijiex legalment sostenibbli, peress li tali allegazzjoni qatt ma tista' tvarja ftehim li kien jezisti jew il-kondizzjonijiet tal-permessi ezistenti. Dan ukoll mhux argument validu ghax ladarba kien hemm ftehim bejn il-partijiet dan ma jistghax jinkiser semplicement ghax kulhadd allegatament ikun qed jaghmel hekk. Lanqas ireggi l-argument li l-mithna tar-ruh taghhom qeghda fi stat dizastruz ghax din dejjem tista' titranga jew tigi sostitwita.

"Illi l-konvenuti qed jippretendu illi peress li huma jahdmu r-raba' in kwistjoni *full-time* mentri l-atturi jahdmuha *part-time* biss jista' jaghti l-lok li l-istess atturi m'ghandhomx bzonn wisq ilma. Però lanqas dan l-argument ma ghandu ebda fondament legali ghax id-dritt li l-partijiet ikollhom ilma ghall-ghelieqi huwa tat-tnejn irrilevanti jekk jahdmux ir-raba' *full-time* jew *part-time*. *Inoltre* mix-xhieda prodotta rrizulta li l-konvenuti uzaw il-pompa anke mhux fil-perjodu permess lilhom.

"Illi fl-ahharnett il-konvenuti eccepew li dak li qed ighidu l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhuwiex minnu u din l-eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda in vista tal-motivazzjonijiet fuq indikati.

"Illi ma hemmx dubju ghalhekk li l-ewwel talba attrici ghandha tilgi milqugha, fil-waqt li konsegwentement it-tieni talba ghandha tigi milqugha, *stante* li l-konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli ghall-agir abbuziv taghhom *verso* l-atturi, u ghad-danni li setghu kkawzaw minhabba dan l-agir taghhom, liema likwidazzjoni ta' danni ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza, kif l-istess atturi rriservaw li jaghmlu b'gudizzju separat.

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha."

Rat ir-rikors ta' appell tal-konvenut Salvu Farrugia kif ukoll ir-rikors ta' appell tal-konvenuti illi f'isimhom gew trasfuzi l-atti minflok il-konvenut Emmanuele Farrugia, illi miet fil-mori tal-kawza, illi bihom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija ta' l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2002, tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u l-aggravji sollevati mill-appellanti, u tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi l-appell jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza; rat is-sentenza preliminari taghha tat-8 ta' Novembru 2005 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tad-dezerzjoni ta' l-appell [recte: tal-kawza] sollevata mill-atturi appellati fl-udjenza tal-5 ta' April 2005;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji avanzati kontra s-sentenza appellata fiz-zewg (2) rikorsi ta' appell hawn fuq imsemmija huma identici u huma essenzjalment is-segwenti:

1. Illi s-sentenza appellata hija nulla ghaliex giet pronunzjata fil-konfront ta' persuna mejta;

2. Illi, fi kliem ir-rikorsi ta' appell:

"… t-tieni wiehed [aggravju] jirrigwarda l-irritwalità tat-talbiet";

3. Illi n-nota ta' sottomissjonijiet illi l-appellanti ipprezentaw quddiem l-ewwel Qorti, fi kliem ir-rikorsi ta' appell, "giet skartata kompletament" fis-sentenza appellata;

4. Illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta cahdet it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti;

5. Ukoll fi kliem ir-rikorsi ta' appell:
"Illi l-hames aggravju jirrigwarda c-cahda ta' l-erba' eccezzjonijiet fuq il-meritu, u cioè t-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt eccezzjoni";

Ikkunsidrat:

Illi waqt l-udjenza mizmuma minn dina l-Qorti fl-erbatax (14) ta' Dicembru, 2005 gie verbalizzat hekk, fost affarijiet ohra:
"Dr Leslie Cuschieri u Dr Gian Franco Gauci [id-difensuri ta' l-appellanti] wara li rregolaw ruhhom ma' l-atti tal-

process qed jirtiraw l-ewwel aggravju sollevat minnhom fiz-zewg rikorsi ta' l-appell u cioè l-aggravju fir-rigward tan-nullità tas-sentenza appellata";

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri ta' l-ewwel (1) aggravju;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikorsi ta' appell l-appellanti, sabiex isostnu t-tieni (2) aggravju taghhom, issottomettew hekk:
"Kif tista' qatt Qorti tikkundanna lill-konvenuti jiddezistu milli jikkommettu att partikolari meta la kien hemm talba u anqas gie stabbilit mill-Qorti li l-konvenuti kienu fil-fatt qed jikkommettu dak l-att partikolari? Jekk l-atturi riedu li l-Qorti tordna lill-konvenuti jiddezistu milli juzaw pompa ta' l-elettriku fil-perjodu matul is-sens li ma jaqax bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu, l-ewwel kellhom jitolbu l-Qorti tistabilixxi u tiddikjara li l-atturi qeghdin juzaw il-pompa fil-perjodu matul is-sena li ma jaqax bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu. Persuna ma tistax tigi ordnata tieqaf milli taghmel xi haga qabel ma jigi stabbilit li fil-fatt dik il-persuna qed taghmel dik l-azzjoni: tiddezisti minn xi haga li qed taghmel, mhux minn xi haga li m'intix taghmel. L-atturi ma talbux lill-qorti tiddikjara li l-konvenuti qed jikkommettu ksur tal-ligi, u ghalhekk l-ewwel talba attrici hija irritwali u insostenibbli in kwantu din setghet tigi akkolta biss f'kaz li l-Qorti tigi mitluba tiddikjara ksur ta' ligi da parti tal-konvenut[i], li mhux il-kaz odjern";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-aggravju in ezami ta' l-appellanti - kif elucidat fis-sottomissjonijiet illi ghadhom kemm gew citati - kellu jitressaq *in limine litis*, *per via di eccezzione* ta' natura preliminari, quddiem l-ewwel Qorti u mhux quddiem dina l-Qorti permezz ta' aggravju kontra s-sentenza appellata. A skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jigi rilevat illi fiz-zewg (2) eccezzjonijiet ta' natura preliminari illi ressqu l-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti (l-ewwel zewg eccezzjonijiet avanzati permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 10) ma giex sollevat dak illi qed jinghad fl-aggravju in ezami;

Ghal dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizjoni ulterjuri tat-tieni (2) aggravju ta’ l-appellanti;

Ikkunsidrat:

Illi, ghalkemm fit-tielet (3) aggravju taghhom l-appellanti jsostnu illi fis-sentenza appellata in-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom fuq imsemmija “giet skartata kompletament”, qari ta’ dak illi sottomettew l-appellanti fir-rikorsi ta’ appell taghhom sabiex jissostanzjaw dan l-aggravju juri illi l-ilment ta’ l-appellanti huwa pjuttost illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta cahdet l-ewwel (1) eccezzjoni taghhom, dik illi l-atturi ma kellhomx interess guridiku illi jipproponu l-azzjoni odjerna. Dan precizat, dina l-Qorti ma tezitax illi tghid illi l-aggravju in ezami huwa infondat ghaliex, minn ezami tal-kontenut ta’ l-att ta’ citazzjoni jirrizulta minghajr dubju illi l-atturi kellhom l-imsemmi interess guridiku. Infatti, f’din ic-citazzjoni l-atturi qed jallegaw, fost affarijiet ohra, illi huma ghandhom <u>dritt</u> naxxenti minn “ftehim li kien hemm bejn l-antenati tal-partijiet” illi ma jittellax ilma mill-ispieri in kwistjoni jekk mhux permezz ta’ l-imtiehen tar-rih, illi l-konvenuti qeghdin jiksru dan il-ftehim billi “qeghdin jtellghu l-ilma … bil-pompa u mhux bil-mithna tar-rih” - u b’hekk qed jilledulhom l-imsemmi dritt taghhom - u illi “l-atturi qieghdin ssofru danni konsistenti fit-telf ta’ ucuh tar-raba minhabba n-nuqqas ta’ ilma billi ma hux jibqa ilma ghar-raba taghhom”; konsegwentement, l-atturi avanzaw iz-zewg (2) talbiet taghhom. Dana huwa bizzejjed sabiex jeradika l-interess guridiku ta’ l-atturi. Il-kwistjoni jekk dawn l-allegazzjonijiet ta’ l-atturi jirrizultawx sostanzjati mill-provi prodotti ma tirrigwardax l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ interess guridiku izda l-meritu tal-kawza. Ghalhekk, is-sottomissjonijiet illi jaghmlu l-appellanti fir-rigward ta’ l-aggravju in ezami sabiex juri illi l-imsemmija allegazzjonijiet ta’ l-atturi ma humiex sorretti mill-provi prodotti jistghu ikollhom valur biss ghal dak illi jirrigwarda l-hames (5) aggravju ta’ l-appellanti. Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi huwa wisq probabbli illi l-appellanti kienu kostretti illi jaghmlu dawn is-sottomissjonijiet fl-imsemmija parti tar-rikorsi ta’ appell taghhom ghaliex fis-sentenza appellata il-fondatezza ta’ l-allegazzjonijiet ta’ l-

atturi giet ezaminata fil-parti ta' l-istess sentenza illi ezaminat l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku;

Ikkunsidrat:

Illi r-raba' (4) aggravju ta' l-appellanti mhux fondat u ma hemmx wisq x'jinghad dwaru. Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenuti issottomettew (fol. 10):
"Illi … jigi rilevat li … huma l-*Water Services Corporation* li jistghu jmexxu l-azzjoni jekk jirrizulta ksur ta' permess";

Din l-eccezzjoni setghet, forsi, tkun valida kieku l-azzjoni attrici kienet bazata <u>biss</u> fuq il-premessa illi l-konvenuti ma osservawx il-kondizzjonijiet - jew almenu wahda minnhom - imposti fuqhom mill-imsemmi permess; izda, fil-fatt, mhix valida ghaliex, kif già inghad, l-azzjoni attrici hija ibbazata <u>ukoll</u> fuq il-premessa illi l-konvenuti kisru l-ftehim milhuq bejn l-antenati tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-hames (5) aggravju ta' l-appellanti, safejn jirrigwarda c-cahda tar-raba' (4) u tal-hames (5) eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 10), ma huwiex fondat. Jinghad biss illi dawn iz-zewg (2) eccezzjonijiet huwa irrilevanti u assurdi fid-dawl ta' dak illi qed isostnu l-atturi fil-premessi ta' l-att ta' citazzjoni u fit-talbiet relativi;

Kwantu bazat fuq ic-cahda tat-tielet (3) u tas-sitt (6) eccezzjonijiet tal-konvenuti, il-hames (5) aggravju ta' l-appellanti jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici ghaliex ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Fis-sentenza appellata jinghad illi zewg (2) allegazzjonijiet hawn fuq imsemmija ta' l-atturi gew pruvati. F'dan ir-rigward, fis-sentenza appellata jinghad hekk (pagini 18 sa 20 u 23 tas-sentenza):
"Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li qed jagixxu … kemm abbazi tal-ftehim li kien hemm bejn il-bdiewa ta' dawk l-inhawi kif ukoll inforza tal- *permess*

jew *arrangament* milhuq bl-intervent tal-*Water Services Corporation*; …;

"Illi rigward il-ftehim li allegatament kien jezisti bejn il-partijiet u l-awturi taghhom inghatat verzjoni kompletament kontradittorja mill-partijiet. Filwaqt li l-atturi jsostnu li kien hemm ftehim bejn missirijiethom li l-konvenuti jtellghu l-ilma bil-mithna biss filwaqt li l-konvenuti jichdu dan totalment. L-attur Saviour Scerri xehed li huma minn dejjem kellhom il-permess biex ikunu jistghu itellghu l-ilma bil-mutur. Irrizulta li z-zewg partijiet kienu jtellghu l-ilma bil-mithna tar-rih. Sussegwentement bdew jaghmlu uzu mill-pompa. L-atturi jsostnu li minhabba li l-ghelieqi tal-konvenuti huma aktar fl-gholi minn taghhom meta jtellghu l-ilma bil-pompa ftit jifdal ghalihom. B'hekk qed jippretendu li l-konvenuti ghandhom jimxu skond il-ftehim kif imbaghad emendat jew irrangat skond il-permess moghti mill-*Water Board*.

"Illi ghalkemm il-versjonijiet moghtija mill-partijiet huma ferm opposti u m'hemm xejn bil-miktub, din il-Qorti xorta wahda waslet ghall-konkluzjoni li tara li l-verzjoni tal-atturi hija aktar kredibbli minn dik tal-konvenuti w fil-fatt hija aktar verosimili. Infatti prova ta' dan huwa d-dokument esebit minnhom stess (a fol. 6 tal-process) li hija l-ittra mibghuta lil Pawlu Xerri mis-segretarju tal-*Water Board* fl-1989. F'din l-ittra giet komunikata d-decizjoni li ha l-istess Bord li s-Sur S. Farrugia jista' juza l-mithna f'Tal-Wata, Dingli s-sena kollha filwaqt li l-pompa tista' tintuza biss bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu. '*Dan l-arrangament ihassar kull iehor li sar qabel*'. Illi dan jindika b'mod mill-aktar car li bla dubju, ftehim kien jezisti qabel din l-ittra tant li mbaghad il-bord spicca biex emenda dan l-istess ftehim.

"Illi din il-motivazzjoni twassal ghal zewg konkluzjonijiet u cjoè li fl-ewwel lok kien jezisti ftehim bejn l-antenati tal-partijiet, li wasal ukoll ghand il-partijiet fil-kawza odjerna, dwar l-uzu tal-istess ilma u dan fis-sens kif allegat u fl-ahharnett ppruvat mill-atturi, kif ukoll li dan il-ftehim, minhabba l-uzu tal-pompa *da parte* tal-istess konvenuti, gie emendat fis-sens kif indikat fl-ittra tal-*Water Board*

datata 29 ta' Novembru 1989 a fol. 24 tal-process, li giet accettata anke mill-atturi, li min naha taghhom qaghdu ghal tali decizjoni tant li fl-istess premessi u talbiet tac-citazzjoni attrici qed jikkoncedu li l-pompa tintuza mill-atturi [*recte*: konvenuti] bejn il-15 ta' Jannar u 15 ta' Marzu ta' kull sena, però ovvjament mhux izjed minn hekk. …;

"…;

"… <u>mix-xhieda prodotta rrizulta li l-konvenuti uzaw il-pompa anki mhux fil-perjodu permess lilhom</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat sewwa il-provi kollha prodotti, tghid bla tlaqliq illi ma taqbilx ma' l-apprezzament tal-provi, mal-konsiderazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet illi jirrizultaw fil-partijiet minnha sottolineati fis-silta appena citata mis-sentenza appellata. Dana ghaliex, fil-fehma ta' dina l-Qorti:

(i) mill-ittra tal-*Water Works Department* tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru, 1989 (Dok. A, fol. 6) ma jistax jigi konkluz illi kien jezisti "ftehim … bejn l-antenati tal-partijiet", kif qed jallegaw l-atturi. Infatti, jirrizulta pruvat illi dwar kif ghandu jittella' l-ilma mill-ispiera tal-konvenuti già kien hemm "permess" - jew permessi - mill-*Water Works Department* antecedenti l-imsemmija ittra dokument A (ara, fost ohrajn, id-dokument a fol. 32, datat *25 Apr 78*, illi *a calce* jaghmel riferenza ghal "permess ta' qabel"). Fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-kliem "Dan l-arrangament ihassar kull iehor li sar qabel" jirreferi ghall-permessi precedenti mahruga favur il-konvenuti - jew l-awturi taghhom - mill-*Water Works Department* u b'ebda mod ma jikkostitwixxu prova illi kien jezisti ftehim bejn il-kontendenti jew l-antenati taghhom;

(ii) l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw illi kien jezisti l-ftehim minnhom allegat dwar "bejn l-antenati tal-partijiet". Dwar din il-materja il-provi ta' l-atturi, minn naha, u tal-konvenuti, min-naha l-ohra, kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, huma konfliggenti u dina l-Qorti ma hix perswaza illi l-

verzjoni ta' l-atturi - illi fuqhom huwa l-oneru tal-prova ta' dak illi qed jallegaw - hija aktar attendibbli minn dik tal-konvenuti. F'dan ir-rigward tajjeb illi jinghad illi dina l-Qorti ghandha d-dubbji taghha dwar jekk fi zmien l-"antenati" tal-kontendenti kienx hemm il-htiega illi jsir ftehim illi l-ilma in kwistjoni jittella' biss bil-mithna tar-rih u mhux b'pompa meta ma hemmx prova illi meta intlahaq l-allegat ftehim - iz-zmien ma giex precizat - il-pompi ghat-tlugh ta' l-ilma kienu già gew introdotti f'Malta;

(iii) anqas l-allegazzjoni ta' l-atturi illi l-konvenuti kisru il-"permess" tal-*Water Board*, kif jirrizulta mill-imsemmi dokument A, f'dak illi jirrigwarda z-zmien tas-sena meta l-konvenuti jistghu itellghu l-ilma permezz ta' pompa, ma tirrizulta pruvata. Anke f'dan ir-rigward il-provi huma konfliggenti; l-atturi jikkonfermaw l-allegazzjoni taghhom u l-konvenuti jichduha. Izda, hemm prova ta' persuna newtrali illi pjuttost timmilata kontra din l-allegazzjoni. Din il-persuna hija Anglu Grech, <u>prodott bhala xhud mill-atturi</u>. Huwa xehed (fol. 58 sa 61) illi kien jokkupa l-kariga ta' *Operations Manager* mal-*Water Services Corporation*, illi bhala parti mix-xoghol tieghu, flimkien ma' zewg impjegati tal-korporazzjoni, fit-tlieta (3) ta' <u>Awissu</u>, 1995 ghamel spezzjoni <u>ghall-gharrieda</u> fil-post fejn prezumibilment hemm l-ispiera tal-konvenuti, illi ma sab ebda pompa fl-istess spiera izda sab pompa <u>*submersible*</u> f'*pump room* xi 10 piedi boghod mill-ispiera u - fattur importanti - <u>ghal domanda ta' l-ewwel Qorti</u>, wiegeb:
"… nghid illi ahna meta rajna dina l-pompa fil-*pump room* <u>ahna missejniha u kkonstatajna illi ma kellha l-ebda ilma maghha</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa evidenti, ghalhekk, illi hemm lok ghar-riforma tas-sentenza appellata billi jintlaqghu it-tielet (3) u l-sitt (6) eccezzjonijiet tal-konvenuti, billi jigu michuda t-talbiet attrici u billi jsir provvediment differenti dwar il-kap ta' l-ispejjes;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appelli interposti billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens segwenti:

(1) tirrevokaha kwantu cahdet it-tielet (3) u l-sitt (6) eccezzjonijiet tal-konvenuti u, minflok, tilqa’ dawn l-eccezzjonijiet;

(2) tirrevokaha kwantu laqghet it-talbiet attrici u, minflok, tichad dawn it-talbiet;

(3) tirrevokaha kwantu ipprovdiet dwar l-ispejjes tal-kawza u, minflok, tordna illi l-ispejjes ta’ l-ewwel istanza jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-atturi u kwantu ghal kwart (1/4) mill-konvenuti;

(4) tikkonfermaha ghall-kumplament;

Tordna illi l-ispejjes ta’ dina l-istanza jigu sopportati kwantu ghal kwart (1/4) mill-konvenuti appellanti u kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------